**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 07**

**Data:** **20 ta' Novembru 2024**

**Hin:** **9.11am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

07.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

07.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

07.5 Korrispondenza u Rapporti;

07.6 Attivitajiet;

07.7 Kalendarju Kulturali;

07.8 Progett tal-Pool;

07.9 Progetti u Xogholijiet;

07.10 Applikazzjonijiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali;

07.11 Materji ohra;

07.12 Skeda ta' Pagamenti;

07.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**07.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

07.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

07.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

07.3.1 Lisa Marie Brooke staqsiet dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp li giet diskussa fil-laqgha li saret b'emergenza fejn is-Sindku kkonferma li l-ogezzjoni kienet giet sottomessa u issa wiehed irid jistenna l-ezitu tal-board. Lisa Marie Brooke qalet li hemm residenti li jixtiequ jogezzjonaw fejn is-Sindku qal li l-avukat qeghda tara x'titlu hemm fuq l-isqaq u qeghda tipprepara xi dokumenti.

07.3.2 Is-Sindku qal li kien hemm talba min-naha ta' residenti fi Triq San Dimitri sabiex id-*disabled parking* li hemm quddiem garaxx ta' residenza jiccaqlaq. Dan ghar-raguni li d-dar inxtrat minn persuni ohra u dawn ghandhom problema biex jipparkjaw. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha ssir talba biex dan id-*disabled parking* jiccalaq ghall-post iehor fil-qrib.

07.3.3 Is-Sindku ssugerixxa sabiex isiru kompetizzjonijiet ghall-isbah tieqa u presepju. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

07.3.4 Is-Sindku talab lil kunsill biex jidiskuti l-*party* tat-tfal tal-Milied. Kien suggerit li jsir fis-26 ta' Dicembru, 2024.

07.3.5 Is-Sindku qal li min-naha tar-Regjun ghal din is-sena ukoll qeghda tigi offruta l-ikla tal-Milied ghax-xjuh u persuni wehidhom. Is-Sindku ssugerixxa li ghandhom jingabru l-ismijiet ta' dawk interessati li l-ikel jaslilhom id-dar fejn dan ser jitqassam min-naha tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa f'din l-inizjattiva.

07.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri li ghadha kemm saret l-ewwel laqgha ghad-drittijiet tat-tfal gewwa l-Kunsill. Huwa spjega li din kienet laqgha introduttorja. Lisa Marie Brooke staqsiet jekk kienx hemm attendenza u *feedback* fejn is-Sindku kkonferma li kien hemm tfal li attendendew u ppartecipaw fid-diskussjoni.

07.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri li l-appart tal-playing field ta' fejn l-Astronomy Park kien wasal u ser ikun qed jitwahhal fil-post fil-jiem li gejjin.

07.3.8 Is-Sindku qal li l-*playing field* ta' Triq Birbuba ghandha l-appart li qed jiddeterjora u huwa ta' periklu. Huwa ssugerixxa li ghandhu jinxtara wiehed gdid. Joseph Mizzi staqsa jekk hemmx fondi apposta ghalih minn xi skema fejn is-Sindku qal li dan irid jinxtara mill-fondi tal-Kunsill. Huwa spjega li ghad irid jigi evalwat x'hemm fuq is-suq peress li z-zona hija wahda zghira u wiehed irid jikkalkula ukoll is-*safety zone*. Joseph Mizzi ssugerixxa li jsir anke kwadru kbir biex wiehed jiehu ritratt mieghu. Giet diskussa din il-materja fejn is-Sindku qal li trid tintalab stima u ssugerixxa ukoll li tista' titpogga banner bil-wicc nieqes b'disinn ta' persuni lebsin tal-antik. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li ghandu jesplora u jigi inkluz fl-estimi tas-sena d-diehla.

**07.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

07.4.1 Tonio Mifsud gibed l-attenzjoni li kien hemm bozza mahruqa fi Triq ta' Sdieri. Is-Sindku nfurmah li din il-bozza kienet giet mibdula.

**07.5 Korrispondenza u Rapporti**

07.5.1 Giet trattata korrispondenza mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn il-Kunsill gie infurmat li l-post numru 89, Pjazza taz-Zjara tal-Madonna li kien gie skedat minhabba muxrabija gie imnehhi mill-iskedar.

07.5.2 Gew trattati s-segwenti permessi mill-Awtorita' tal-Ippjanar:

PA/07670/24 u PA/07699/24.

**07.6 Attivitajiet**

07.6.1 Is-Sindku qal li ghadu kemm ghadda weekend ta' attivitajiet li kien ta' success u issa jmiss l-attivitajiet tal-Milied.

07.6.2 Gie spjegat il-programm ta' l-attivitajiet li ser jigu organizzati bhala parti mill-program tal-Milied ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Intqal li ser ikunu kif segwenti:

13 ta' Dicembru – Christmas Tree Choir
14 ta' Dicembru – Band
15 ta' Dicembru – Partecipazzjoni ta' Gruppi Folkloristici
20 ta' Dicembru – Talent Night
21 ta' Dicembru – DJ Sue
22 ta' Dicembru – Entertainment u ha jkun hemm il-kuncert tal-Parrocca
28 ta' Dicembru – Band
29 ta' Dicembru – Street Animators

Il-Kunsill iddiskuta il-kwistjoni ta' *storage* waqt l-attivitajiet. Intqal li sa issa kien qed jintuza *garage* li llum qed jkun taht kostruzzjoni u ghal daqst tant ghandu ikun hemm il-possibilita' li jinxtara *container* zghir biex jintuza f'dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tonio Mifsud issugerixxa sabiex isir iz-ziemel bil-karozella fejn wara diskussjoni gie maqbul li dan jista' jsir waqt il-gurnata li fiha ser ikun hemm l-attivitajiet tat-tfal.

**07.7 Kalendarju Kulturali**

07.7.1 Is-Sindku ssugerixxa li jsir kalendarju kulturali ghas-sena 2025 sabiex ir-residenti jista' jkollhom indikazzjoni ta' dak li ser ikun qed jigi organizzat matul is-sena. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex min jixtieq jissugerixxi xi haga jibghat l-ewwel cans.

**07.8 Progett tal-Pool**

07.8.1 Is-Sindku qal li dan il-progett huwa fil-fazi finali tieghu. Spjega x-xogholijiet li saru u li u issa ghad baqa l-art tal-parti tan-nofs, aperturi, t-tarag kif ukoll il-lift u l-ventilation liema xoghol ser tinhareg offerta ghalihom.

07.8.2 Is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu l-prezzijiet iridu jergghu jigu reveduti qabel jigu ppublikati peress li jihdru li huma gholjin. Dan gie innotat wara li fis-suq hemm diversi offerti bi prezzijiet vantaggjuzi. Il-Kunsill iddiskuta din l-materja u qabel li l-prezzijiet ghandhom jigu reveduti bl-importanza li dan ikun sostenibbli ghal Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li din ghandha terga tigi diskussa waqt laqgha ohra b'urgenza.

**07.9 Progetti u Xogholijiet**

07.9.1 Is-Sindku qal li x-xogholijiet ta' Triq Tumas Cassar huma kollox lest biex jibdew ix-xogholijiet b'arrangamenti kemm mall-Water Services Corporation kif ukoll ma' l-Enemalta. Huwa mahsub li x-xogholijiet jibdew fil-gimghat li gejjin peress li anke l-progett tal-pool irid jigi *connected.* Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li ghandu jkompli bix-xogholjiet fuq dan il-progett.

07.9.2 Gew diskussi x-xogholijiet relatati mal-latrini ta' Triq Trux fejn saru anke *site visits* u gie diskussi l-progett anke mall-Perit. Fir-rigward tal-latrina ta' Triq ta' Pinu il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lir-Regjun sabiex possibillment jinbidel il-post.

**07.10 Applikazzjonijiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali**

07.10.1 Giet diskussa l-applikazzjoni tal-karnival mahruga mid-Direttorat tal-Gvern Lokali bin-numru SPI/SCI/08/2024 Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2025. Il-Kunsill qabel li ghandu jisottometti l-applikazzjoni tieghu u li l-Karnival ghandu jigi organizzat il-gimgha ta' qabel.

07.10.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill kien applika ukoll ghall-fondi ta' San Valentinu mall-Ministeru ghal Ghawdex.

**07.11 Materji ohra**

07.11.1 Is-Sindku rrefera ghas-*survey* tal-Pool fejn qal li kien hemm numru tar-residenti li rrispondew ghalih. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

07.11.2 Is-Sindku ssugerixxa sabiex tigi organizzata f'Jannar galadarba l-Kunsill jirnexxielu jsib prezzijiet tajbin. Huwa qal li din ghandha tigi organizzata waqt il-vaganzi tal-Milied tat-tfal jigifieri l-ahjar bejn 2 jew 3 ta' Jannar sas-6 ta' Jannar u jekk le ghandhom ikunu esplorati dati aktar adegwati. Gew diskussi diversi postijiet fosthom Marseille u Tonio Mifsud issugerixxa Sardegna u Bulgaria pero' dawn il-postijiet huma gholjin bhala prezzijiet. Il-Kunsill qabel li jekk ma jinstabx prezz tajjeb ghandha tigi organizzata safra ghal zmien il-Ghid. Il-Kunsill qabel unanimament.

07.11.3 Il-Vici Sindku ssugerixxa sabiex ghall-karnival tigi organizzata zifna mir-rahal tal-Gharb. Is-Sindku qal li mhuwiex facli li jsir dan u fil-fatt irhula ohra meta jorganizzaw ikunu individwi u mhux bhala rahal. Is-Sindku innota ukoll li din is-sena hemm il-possibilita' li jattendu aktar gruppi peress li min-naha tad-Dipartiment tal-Kultura inghataw il-possibilita' li jistghu jmorru anke fl-irhula.

07.11.4 Il-Kunsill qabel li ghandha ssir l-ikla tal-Milied ghall-Kunsilliera nhar il-Hamis 12 ta' Dicembru 2024.

07.11.5 Saret referenza ghall-progett tal-kumpless ARB fejn intwera n-necessita li jinstabu il-finanzi sabiex il-kumpless ikun accessibli fil-komplet tieghu u ghal daqs tant sar refernza ghal progett tal-Accessibilita u Mobilita' SPI/SCI/08/2021. Gie suggetit li issir talba sabiex l-fondi li kienu ser jintuzaw ghal upgarde ta' l-APP tal-Kunsill jigu utilizati ghal lift. Il-Kunsill id-diskussjoni u ra li ikun aktar utli li issir milli upgrade ta' l-APP. Kien hemm qbil unanimu li ssir talba lid-Direttorat koncernat u galadarba din it-talba tkun apporvata ghandha tinhareg sejha fuq is-suq sabiex ikun mixtri u nstallat il-lift fl-ARB komplex sabiex dan ikun accessibli kompletament.

**07.12 Skeda ta' Pagamenti**

07.12.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**07.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

07.13.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 17 ta' Dicembru fid-9am.

07.13.2 Il-laqgha spiccat fid-9.55am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv